**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 146/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Carmelo Micallef )**

**Vs**

**MARK ANTHONY CACHIA**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permess taghha Mark Anthony Cachia kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, u akkuzat talli f'Birkirkara fid-29 ta'Awwissu, 1998, saq vettura numru KBB-665 ta'ghamla Suzuki b'manjera perikoluza w bla kont, aktar bi speed eccessiv, u aktar talli garr u ghabba persuni/passiggieri fl-imsemmija vettura aktar minn numru ta'passiggieri kif stipultat fil-log book ta' l-istess vettura, u aktar talli b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta'hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta'natura gravi fuq il-persuna ta'Evans Karen Louise u offiza ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'Evans David James, u aktar talli ghamel hsara involontarja fuq arblu tad-dawl ghad-detriment tac-Chairman ta' l-EneMalta Corporation, u aktar talli ghamel hsara involontarja fuq tabella tat-traffiku.

Rat is-sentenza moghtija fis-6 ta'Gunju, 2000, mill-fuq imsemmija Qorti li biha sabet lill-Mark Anthony Cachia hati ta' dawn l-akkuzi u kkundannatu ghall-Lm400 Multa kif ukoll skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien tlett xhur.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta'Mark Anthony Cachia datat 12 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn l-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Generali ghan-nom tal-prosekuzzjoni w dan fis-seduta tad-9 ta'Marzu, 2001, fi-sens li eccepixxa n-nullita' tar-rikors ta' l-appell.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat dwar din l-eccezzjoni, u ghalhekk issa sejra tiddeciedi dwar din qabel kull haga ohra.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi skond l-avukat generali, ir-rikors ta' l-appell huwa null ghaliex, kif jirrizulta mill-ahhar zewg paragrafi tieghu, hemm konflitt car fis-sens li minn naha l-wahda l-appellant qed jitlob li jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih bl-eccezzjoni ta' l-akkuza li rikkeb persuni jew passiggieri f'numru aktar minn dak stipulat fil-log book tal-vettura, li allura qed jammetti din l-akkuza, mentri minn naha l-ohra fit-talba ta' l-ahhar tieghu qed jitlob it-thassir u revokar tas-sentenza appellata kollha.

Illi bla ebda dubju ta'xejn, l-avukat generali ghandu ragun. Dan l-izball ta' l-appellant, li ma jistghax jigi rimedjat, iwassal ghan-nullita' tar-rikors ta'l-appell l-ghaliex it-talba tieghu kellha tkun ta'riforma tas-sentenza appellata u mhux tat-thassir taghha, gja' la darba qed jammetti wahda mill-akkuzi li instab hati taghha.

Ghal din ir-raguni, l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali qed tigi milqugha, u hu f'dan is-sens, ghalhekk, li l-appell ta'Mark Anthony Cachia qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur